# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Revoka Nru.: 596/2018 MH**

**Illum, 27 ta' Lulju, 2018**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru: 817/2018 JZM**

**Del Monte Foods (U.A.E) FZE , soċjetà estera inkorporata taħt il-ligijiet ta' Dubai , bin-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanniji 978 u bl-indirizz uffiċċjali P.O Box 294484 , Dubai, United Arab Emirates, kif debitament rappreżentata mill-mandatarju speċjali l-Avukat Louis Cassar Pullicino (K.I. 441061M)**

**vs**

**KBC Euro Credit Limited (C 69688)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tas-socjeta' intimata tat-8 ta' Gunju 2018** li permezz tieghu ippremettew:

***"A. <u>Preliminari</u>***

1. *Illi l-esponenti ġie notifikat fit- 30 ta' Mejju 2018 bil-mandat ta' sekwestru odjern u wara li ġie mgħarraf mill-Banek relattivi illi l-kontijiet bankarji tas-soċjetà esponenti kienu gew ffrizati bl-effetti tal-mandat ta' sekwestru 817/2018.*

2. *Illi s-soċjetà KBC Euro Credit Limited tinsab topponi bil-qawwa il-ħruġ ta' dan il-mandat kawtelatorju, liema mandat inħareġ b'mod irresponsabbli u abbużiv. Illi l-oġġett ta' dan il-ħruġ ta' dan il-mandat in kwistjoni kien l-allegata somma dovuta mis-soċjetà sekwestrata lis-soċjetà sekwestranta ai termini tal-garanzija bankarja maħruġa mis-soċjetà sekwestrata a favur tas-soċjetà sekwestranta fis-sitta u għoxrin (26) ta' April bin-numru KBC/BG/114/17, hawn annessa u mmarkata bħala* **DOK D M 1.**

3. *Illi l-applikant ta' din il-garanzija bankarja kienet is-soċjetà estera inkorporata taħt il-ligijiet ta' Dubai bl-isem ta' '**T. Keystone Foods FZ-LLC'** bl-indirizz uffiċjali: 'Al-Jazeera Al-Hamra, Ras Al Khalmah, U.A.E'; filwaqt li l-benefiċjarju ta' din il-garanzija bankarja kienet is-soċjetà **'Del Monte Foods (U.A.E) FZE'**, soċjetà estera inkorporata taħt il-ligijiet ta' Dubai, bin-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanniji 978. Illi din il-garanzija inħarġet mill-entita' esponenti fl-ammont ta' tlett miljun Dollaru Amerikan (3,000,000.00 U.S.D) a favur il-benefiċjarju, bl-ordni tal-imsemmi applikant T.Keystone Foods FZ-LLC, bħala garanzija a favur Del Monte Foods (U.A.E) FZE in segwitu ghal transazzjoni prospettata li kienet ser tikkonsisti f'xiri u konsenja ta' banana friska u frott ieħor.*

***B. <u>Nuqqas Serju ta' Osservanza tat- Termini u Kundizzjonijiet tal-Garanzija Bankarja mis-soċjetà Del Monte Foods (U.A.E) FZE</u>***

4. *Illi fl-ewwel lok huwa pertinenti li jinġab a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li s-soċjetà Del Monte Foods (U.A.E) FZE naqset serjament milli ssegwi t-termini u kundizzjonijiet tal-garanzija bankarja liema termini huma ċari u inekwivoki minn kif jidhru f'* ***DOK DM1.***

5. *Illi s-soċjetà Del Monte Foods (U.A.E) FZE bdiet titlob persistentement il-ħlas tal-garanzija bankarja ferm qabel il- ħmistax il-ġurnata qabel l-iskadenza ta' din il-garanzija bankarja (xhur u xhur qabel ) u mingħajr ma forniet id-dokumenti neċessarji skont it-termini tal-garanzija bankarja. Illi kundizzjoni partikolari ta' din il-garanzija bankarja kienet dik li "Any demand under this bank guarantee to be presented on or before expiry date* ***with our prior written consent only*** ***<u>but not earlier than 15 days before expiry</u>*** *and must be accepted by us before presentation" (enfasi miżjuda). Illi s-soċjetà Del Monte sa min kmieni ferm u ċioe sa mill- wieħed u għoxrin (21) ta' Awissu 2017* ***(vide Dok Attachment 8)*** *għamlet l-ewwel talba formali fuq il-garanzija tramite Mashreq Bank u sussegwentement fit-tlieta (3) ta' Ottubru 2017 bagħtet Ittra Uffiċjali numru 3645/20179* ***Dokument DM3*** *lil KBC titlob u teżiġi l-ħlas meta l-ħlas se mai dovut skond il-garanzija kien f'April 2018.* ***Illi naturalment is-soċjetà esponenti ħassitha ferm allarmata meta bdiet tirċievi tali talbiet intempestivi u liema talbiet kienu manifestament kontra t-termini tal-garanzija bankarja.***

**6.** *Di piu kundizzjoni fundamentali oħra ta' din il-garanzija bankarja li tidher biċ-ċar mill-estratt: "Any demand under this bank guarantee to be presented on or before expiry date* ***<u>with our prior written consent only</u>*** ***but not earlier than 15 days before expiry*** ***<u>and must be accepted by us before presentation</u>****" (enfasi miżjuda), kienet dik li* ***kull talba taħt din il-garanzija bankarja kellha tkun magħmula BISS bil-kunsens tas-soċjetà esponenti, u***

***liema talba riedet tiġi aċċettata mis-soċjetà esponenti qabel ma tiġi intavolata talba uffiċjali għall-ħlas taħt din il-garanzija bankarja***. *Illi din il-kundizzjoni kienet parti integra mill-garanzija bankarja, u li kieku s-soċjetà Del Monte Foods (U.A.E) FZE ma kienitx kuntenta b'din it-tali kundizzjoni imposta, ma messa qatt aċċettat it-tali garanzija bankarja. Huwa pertinenti li* ***fl-ebda ħin u bl-ebda mod ma s-soċjetà Del Monte Foods (U.A.E) FZE, ottjeniet kunsens mis-soċjetà esponenti sabiex tintavola talba uffiċjali għall-ħlas ta' din il-garanzija bankarja.*** *Illi hawnhekk ukoll għandu jiġi ċċarat* ***illi s-soċjetà esponenti ma pprovdietx it-tali kunsens lis-soċjetà Del Monte Foods (U.A.E) FZE b'responsabiltà u għal raġunijiet serji, gravi u validi f'għajnejn il-liġi.***

7. *Illi waħda mir-raġunijiet għalfejn is-soċjetà esponenti ma pprovidetx il-kunsens lis-soċjetà Del Monte Foods (U.A.E) FZE ( li del resto l-anqas qatt ma gie miltlub a termini tal-garanzija ) sabiex tintavola talba uffiċjali għall-ħlas ta' din il-garanzija bankarja, u sussegwentement ma onoratx it-talba uffiċjali għall-pagament tas-somma ta' tlett miljun Dollaru Amerikan (3,000,000.00 U.S.D), (liema talba naturalment kienet kontra t-termini u l-kundizzjonijiet tal-garanzija bankarja, stante li s-soċjeta Del Monte Foods (U.A.E) FZE ma kinux debitament awtorizzati u ma kellhomx il-kunses mis-soċjetà esponenti sabiex jintavolaw it-tali domanda għal ħlas), kien proprju għaliex is-soċjetà Del Monte Foods (U.A.E) FZE naqset milli tippreżenta 'statement of default' mill-applikant tal-garanzija bankarja ossia T. Keystone Foods LLC. Illi kundizzjoni importanti ta' din il-garanzija bankarja, liema kundizzjoni hija ċara u inekwivoka kienet dik li tgħid is-segwenti: "All claims should be accompanied in compliance with all relevant contract* ***<u>and the statement of default by the applicant to be verified by us</u>****". Illi fl-ebda ħin u fl-ebda mument tul il-perkors tat-terminu tal-validità tal-garanzija bankarja ma inġab dan l-statement of default mill-*

*applikant ossia T.Keystone Foods F Z LLC. Għall-kuntrarju, l-applikant T.Keystone Foods (Jaber) ma jirrisultax li kellu kummerc u kuntatt ma Del Monte u kwindi huwa ma kienx b'xi mod in default stante li s-soċjetà T.Keystone Foods LLC fl-ebda ħin u fl-ebda mument ma irċeviet il-konsejna tal-banana.*

8. *Illi li kieku s-soċjetà esponenti kella tilqa' t-talba ta' Del Monte Foods (U.A.E) FZE, liema talba ma kinitx ai termini tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-garanzija bankarja s-soċjetà esponenti kienet ser tippreġudika serjament il-pożizzjoni tagħha billi tiġi esposta għall-azzjoni ta' danni mill-applikant ta' din il-garanzija T.Keystone Foods FZ- LLC. Is-soċjetà esponenti tifhem bl-aktar mod ampju, li filwaqt li hija kienet assumiet diversi obbligi u responsabiltajiet favur il-benefiċjarju tal-garanzija bankarja u ċioe Del Monte Foods (U.A.E.) FZE permezz tal-garanzija bankarja in kwistjoni, ċertament din l-Onorabbli Qorti tifhem li bl-istess mod, is-soċjetà esponenti kellha wkoll diversi responsabiltajiet u obbligi a favur l-applikant ta' din il-garanzija bankarja ossia T. Keystone Foods. Is-soċjetà esponenti ma setgħet qatt u ma kellha l-ebda setgħa sabiex tħallas is-somma garantita taħt it-tali garanzija bankarja fin-nuqqas tal-osservanza tat-termini u kundizzjonijiet tal-garanzija bankarja in kwistjoni.*

## Ċ. ***<u>Inkonsistenza Sfaċċata fid-Dokumenti Prodotti Mis-Soċjeta Del Monte Foods (U.A.E) FZE u Dokumenti Falisifikati</u>***

9. *Illi raġuni ewlenija għalfejn is-soċjetà esponenti naqqset milli pprovdiet il-kunsens għal intavolazzjoni ta' talba formali għal ħlas tal-garanzija, u sussegwentement naqset milli tħallas il-garanzija wara li rċeviet talba formali mis-soċjetà Del Monte Foods (U.A.E) FZE kien proprju minħabba l-inkonsistenza ferm ovvja u sfaċċata fid-dokumenti li ġew preżentati mis-soċjeta Del Monte Foods (U.A.E) FZE, fit-talba tagħhom. Din l-*

*inkonsistenza imbagħad toħroġ aktar fiċ-ċar meta wieħed jara s-sekwenza ta' kif ġraw l-affarijiet u jeżamina l-korrispondenza li saret bejn is-soċjetà Del Monte Foods u ċerta persuna bl-isem ta' Nabeel, liema persuna huwa is-sid tas-soċjetà* **T.KEYSTONE FRUITS FZE***, entita ġuridikament distinta u separata mis-soċjetà* **T. KEYSTONE FOODS FZ-LLC***, u liema korrispondenza intbagħtet lis-soċjetà esponenti mis-soċjetà Del Monte* **innifisha,** *però mid-dipartiment legali, u mhux mid-dipartiment tal-accounts.*

10.*Illi l-ewwel darba li s-soċjetà esponenti ħassitha allarmata u ġiet konxja li kien hemm xi ħaġa li ma kinitx f'loka kien meta hija rċeviet l-ewwel talba formali* **(Dok Attachment 8 )** *għall-ħlas tal-garanzija bankarja permezz tal-beneficiary bank Mashreq Bank nhar il- wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu, 2017 u d-dokumenti annessi mat-tali domanda għall-ħlas. Illi filwaqt li t-talba għall-ħlas saret nhar il- wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu, 2017, din it-talba perplessament kienet tinkludi invoices fosthom datati: 14 ta' Awwissu 2017, 19 ta' Awwissu 2017 u saħanstra 23 ta' Awwissu 2017!!* ***(vide Attachment 7.8 in the affifavit of Mr Kalani Dok MK1 ).*** *Ill jekk wieħed jeżamina t-tali invoices jara li dawn l-pagament ta' dawn l-inovices kien dovut sa sebgħa t'ijem mid-data tal-ħruġ tal-invoice. Illi għaldaqstant l-invoices tal- erbatax (14), dsatax (19), u ovvjament tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu (data futura, stante li t-talba għal ħlas saret nhar il-21 ta'Awwissu!!) kienu għadhom ma humiex dovuti u għalhekk is-soċjeta Del Monte ma setgħet qatt titlob il-ħlas tal-garanzija bankarja għal dawn l-allegati konsenji.* ***Illi di piu l-aktar punt pertinenti li huwa il-fulkru ewlieni ta' dan il-każ, huwa li ma din it-talba formali għall-ħlas ta'nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu 2017, din it-tali talba kienet tinkludi sensiela ta' delivery notes (vide Attachment 7.9 fl-Affidavit ta Mr Kalnai Dok MK1 ) allegatament iffirmati mis-soċjeta T.Keystone Foods, u liema delivery note minnhom kienet datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Awwissu***

***2017, liema data fi żmien tat-talba għall-ħlas kienet għadha data futura u għalhekk kien ċertament impossibbli li t-tali delivery kienet attwalment saret !! Għaldaqstant, dan id-dokument ma jħalli l-ebda dubju li dawn id-delivery notes kienu fabbrikati*****.** *Ma jagħmel ebda sens li Del Monte tgħaddi biex titlob ħlas fuq il-garanzija bankarja meta sa ġranet wara u ċioe sal-24 ta Awissu 2017 kienu għadhom allegatament jsiru il-konsenji tal-banana. Dan jikkonferma kemm diversi dokumenti inkluż agreements u delivery documents huma frawdolenti u irregolari. Kull konsenja u dokumenti (delivery notes) jkunu akkumpanjati minn dokumenti tat- trasport u dokumenti tad- Dwana fost dokumenti oħra. Dawn kienu dejjem mitluba lil Del Monte li dejjem u għadha sal-llum tonqos li tipproduċi tali dokumenti awtentiċi li jkompli jikkonferma kemm huma ma jistgħu qatt jirreklamaw il-ħlas taħt il-garanzija bankarja odjerna.*

11.*Ta' ċerta pertinenza huwa d-***dokument KBC 2** *datat 3 ta Awissu 2017 intestat bhala* ***"FINAL NOTICE"****, meta sa dik il-gurnata T Keystone Foods qatt ma kienet irċeviet ebda konsenja u frott mingħand Del Monte. Kull konsenja kienet ġiet ikkonsenjata lil T Keystone Fruits – Nabeel u kien għalhekk li Del Monte ħarġet Final Notice titlob l-hlas tal-arretrati lil T Keystone Fruits u lil Nabeel f'kull dokument u emails kollha li ntbghatu min Del Monte lil Nabeel li kollha jikkonfermaw illi kull trattattiva kienet qeghda ssir ma ċertu Mr Nabeel ta' T Keystone Fruits skond id-***Dokument KH 1** *(Khalid Hussein Regional Finance Director Del Monte mibghut fit- 3 ta Awissu 2017 lil Nabeel). Meta wiehed jesamina il-Garanzija Bankarja hemm diversi rekwiżiti li kellhom jiġu osservati u li ma jaghmel ebda sens li Del Monte qatt setghet bdiet titlob hlas taht il-garanzija li kienet timmatura f' April 2018. Del Monte bdiet tintebah li hija esponiet ruhha meta kkonsenjat il-merkanzija lil T Keystone Fruits – Nabeel meta hija kellha biss garanzija bankarja minghand socjeta ohra. Jirrizulta mill-korrispondenza skambjata bejn Del Monte u Nabeel hawn annessa bhala (DOK* **KBC 3 [4 pagni]***) illi s-*

*socjeta T Keystone Foods li fuqha inharget il-garanzija bankarja kienet entita totalment differenti u hija kienet esposta ghal konsenji kollha kkonsenjati ghaliex ġiet indotta, kif jikkonfermaw d-diversi emails li dan Nabeel kellu rappresentanza ta' T Keystone Foods ukoll. Dan mhux minnhu u ma jesisti ebda dokumenti li jikkonferma dan.*

12. *Fl-istess email gie anness* ***Statement of Account*** *(SOA) fejn id-dati ma jikkorrispondux mad-dati imnizzla fl-invoices u delivery documents mibghuta sussegwentement min Del Monte.*

13. *Jinghad illi l-esponenti KBC kienu qed jiddiskutu mas- sezzjoni legali ta Del Monte li ukoll ikkonsenjat diversi emails u korrispondenza sakemm gie kkonfermat il-qerq ta' Nabeel. Is- sezzjoni Kummercjali ta' Del Monte baqghet ghaddejja bir-rikjesti lil T Keystone Fruits minghajr ċertament ma kienet taf li KBC kienet inghatat ċerta informazzjoni u disclosure of documents ta' dak li effettivament sar. Kienet l-istess sezzjoni legali ta' Del Monte vide (Dok* ***KBC 4 email ta' Maryam Razooki Del Monte Legal Counsel datat 6/9/2017)*** *li kkonfermat li Nabeel kien qed jinganna lill-partijiet .*

14. *Fid-dawl ta' tali konferma inekwivoka li Del Monte kienu nnegozzjaw u kkonsenjaw merkanzija li Nabeel u lil T Keystone Fruits minflok lil T Keystone Fruits huwa car u manifest illi ma setghu qatt jipprospettaw hlas u risarciment taht garanzija bankarja mahruga ghal entita ohra purche b'iem jixxibah . Huwa kkonfermat min Del Monte u ampjament jirrisulta mill-korrispondenza illi Nabeel u T Keystone Fruits kienu diversi snin jinnegozjaw frott u l-istess kienu jgawdu kreditu sahansitra sa USD 4.5 miljun u fil-kaz li mhux ser jirċievu hlas kienu ser jwaqqfu l-kreditu . Ma dan kollhu T Keystone Foods ma ghandhiex taqsam u ghalhekk l-garanzija bankarja ċertament ma tistax tiskatta ebda obbligu ta' pagament ghal merkanzija palesament ikkonsenjata lil Nabeel u T Keystone Fruits .*

15. *Fattur inkwetanti u perplessanti kien ukoll id-diversi fatturi ta' konsenja datati wara it- 3 ta' Awissu 2017. Ma jista qatt jaghmel ebda sens li kumpanija bhal Del Monte taghti Final Notice li jindika preokkupazzjoni u allarm ghal nuqqas ta' hlas filwaqt li tibqa tikkonsenja eluf ta' dollari fil-konsenji allegati ta' frott sa diversi dati wara 3 ta' Awissu 2017 sahansitra sal- 24 ta' Awissu 2017 liema data tal-allegata konsenja hija certament fasulla. Dawn il-konsenji qatt ma saru u dejjem saru ferm qabel. Saru lil T Keystone Fruits u lil Nabeel. Del Monte ma ghandha ebda korrispondenza u skambji ta' emails ma Mr Jaber ta' T Keystone Foods u dan jindika li Del Monte abbusivament qed tittenta tiġbor hlas taht garanzija bankarja li hija rċeviet fuq intiża ta' negozju prospettat ma' T Keystone Foods. Jekk hija bi żball u b'negligenza u ghaliex ġiet indotta tahseb li Nabeel ta' T Keystone Fruits kien l-istess entita u persuna u jew illi b'xi mod kellu qatt rappresentanza ta' T Keystone Foods (Kif fil-fatt allega lil Del Monte li kellu; vide* ***Dok KBC 4*** *anness) dan ma kienx minnhu u Del Monte ma tistax titlob hlas tal-garanzija bankarja meta hija ma kkonsenjat ebda frott lil T Keystone Foods iżda lil terzi.*

16. *Illi fid-dawl ta' din l-inkonsistenza ovvja bejn id-dokumenti preżentati, is-soċjetà esponenti ma kellha l-ebda alternattiva, ħlief li tirrifjuta t-talba għal ħlas mis-soċjetà Del Monte. Artikolu disgħa (9) tar-'Rules for Demand Guarantees' ippublikati mill I.C.C., liema regoli kienu applikabbli ai termini ta' din il-garanzija bankarja in kwistjoni* ***(vide Dok DM 1 )*** *u jipprovdi illi:*

> *"[a]ll documents specified and presented under a guarantee, including the demand, shall be examined by the guarantor with reasonable care to ascertain whether or not they appear on their face to conform to the terms of the guarantee.* ***Where such documents do not appear so to conform or appear on***

***their face to be inconsistent with one another, they shall be refused***." *(enfasi miżjuda)*

*Illli minn dan l-estratt, din l-Onorabbli Qorti tista' tara li dan l-artikolu jimponi* ***obbligu*** *fuq l-entita li ħarġet il-garanzija bankarja sabiex tirrifjuta d-dokumenti meta d-dokumenti preżentati jidhru li jkunu inkonsistenti. Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatti su esposti u minħabba l-inkonsistenza tad-dokumenti prodotti mis-soċjeta Del Monte, is-soċjeta esponenti kienet legalment ġustifikata u anke legalment obbligata li tirrifjuta d-dokumenti preżentati u t-talba għal ħlas ta' din il-garanzija bankarja, ai termini tal-artikolu 9 tar-regoli tal- I.C.C. su ċitat. Li kieku s-soċjeta esponenti aċċettat d-dokumenti inkonsistenti prodotti minn-Del Monte Foods (U.A.E) FZE, is-soċjeta esponenti kienet ser tkun qed taġixxi kontra l-istess artikolu 9 tal-I.C.C Rules u għaldaqstant kienet ser tkun qed tesponi lilha innfisha għal azzjoni ta' danni minn naħa tas-soċjeta applikanta T.Keystone Foods FZ-LLC.*

***Danni Ingenti***

17.*Illi l-imsemmija proceduri ikkawzaw u jinstabu jikkawzaw danni ingenti lis-socjeta esponenti. Illi dan kollhu kien migjub a konjizjoni tal-Awtorita kompetenti li hija l- MFSA u dikjarat mill-ufficjali tal-istess socjeta kif inhu d-dmir taghhom bhala rappresentanti ta' istituzzjoni finanzjarja licenzjata. Illi kien ghalhekk li l-MFSA issospendiet l-ipprocessar ta' Fund li kien se jammonta ghal Euro 200 miljun. Minhabba c-cirkostanzi l-investituri waqqfu l-intenzjonijiet taghhom u kkawzaw telf finanzjarju kbir. Illi l-istess Bank mexa b'kawtela u ma kkommettiex ruhu ghal ebda attivita kummercjali u baqa riluttanti li jesercita tali attivitajiet bankarji. Ir-reputazzjoni tal-istess Bank tinstab f'riskju b'kull investiment li sar huwa ben pregudikat.*

***Talbiet***

A. *Illi ghadaqstant is-socjeta sekwestrata esponenti tinstab titlob li din l-Onorabbli Qorti li ai termini tal-* ***Artikolu 836 (1) (b), (d), (f), tal-Kapitolu 12 tal- Ligijiet ta' Malta*** *tordna ir-revoka tal- mandat ta' sekwestru numru 817/2018 b'mod totali stante li kien mitlub irregolarment kif ampjament ippruvat u attestat bid-dokumenti fuq esposti.*
B. *Illi l-esponenti titlob li fil-kaz illi din l-Onorabbli Qorti tonqos li tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelotorju ta' Del Monte ,kif fuq mitlub, tordna ai termini tal-* ***Artiklu 838 A tal-Kapitolu 12 tal- Ligijiet ta' Malta li s-socjeta sekwestranti Del Monte Foods (UAE) FZE sabiex fi zmien qasir u perentorju ffissatt min din l-Onorabbli Qorti tiddeposita garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista tigi imposta u ta' danni u imghax u fin-nuqqas ta' tali depositu hekk ordnat li tnehhi l-att kawtelatorju.***

Rat **ir-risposta**[1] tal-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino fil-kwalita' tieghu premessa li giet prezentata seduta stante fis-27 ta' Gunju 2018 li permezz taghha esponew:

1. *"Illi din hija risposta għar-rikors imressaq mill-intimata KBC Euro Credit Limited ("KBC") ai termini tal-Artikolu 836(1)(b), (d) u (f) u l-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

[1] Fol 185 et seq

2. *Illi l-bażi ta' din l-applikazzjoni għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru odjern hija l-allegazzjoni li l-kunsinnatarju tal-oġġetti mixtrija minn għand l-esponenti odjerna Del Monte Foods (U.A.E.) FZE ("Del Monte") ma kenitx T. Keystone F Z LLC, li kienet l-entita' li applikat għall-ħruġ tal-garanzija bankarja iżda entita' oħra. Dan l-argument li ser jiġi ribattut f'din ir-risposta huwa assurd u ċertament huwa miċħud – ċertament fuq bażi prima faċie iżda anke fuq il-mertu – mid-dokumentazzjoni hawn annessi u dawk ġja esebiti.*

***A. Fatti***

3. *Bħala stat ta' fatt jirriżulta ġja mill-ftit provi quddiem din il-Qorti f'dan l-istadju li effettivament Del Monte kkonsenjat il-frott in kwistjoni proprju lil T. Keystone F Z LLC kif jirriżulta mir-riċevuti tal-konsenja (delivery notes esebiti u mmarkati bħala DOK DMF 1) u wara tali konsenja kienet propja T Keystone F Z LLC li naqset milli tħallas għal tali konsenja li kienet globalment tammonta għal 3,218,555.75 Dollaru Amerikan. Wara tali nuqqas ta' pagament Del Monte, li kienet il-benefiċjarja tal-garanzija bankarja mertu ta' din il-proċedura, sejħet diversi drabi lil KBC bħala l-bank li ħareġ l-imsemmija garanzija taħt ir-regoli applikabbli tal-ICC sabiex jonora l-pagament li ntrabat li jagħmel iżda l-Bank adotta atteġġjament għal kollox inspjegabbli u ressaq kull argument fieragħ possibbli biex jiżgiċċa mill-obbligi kjarissimi assunti minnu tant li l-atteġġjament li jirrażenta l-frodi. L-atteġġjament tal-intimata KBC imur dijametrikalment kontra l-istess kunċett ta' garanzija bankarja li huwa strument ta' kreditu li huwa l-bażi tal-kummerċ mondjali – kunċett li jitlob ħlas immedjat, mingħajr domandi u mingħajr l-ebda investigazzjoni għajr dawk iċ-ċirkostanzi ċirkoskrittissimi taħt ir-regoli tal-ICC li taħthom inħarġet l-istess garanzija;*

4. *Illi irrispettivament minn dan kollu, fir-rigward speċifikatament ta' proċeduri mressqa taħt l-Artikolu 836 tal-Kap. 12, il-Qrati nostrani kemm-il darba esprimew ruħhom fis-sens illi l-Qorti ma tistax tindaga l-mertu tat-talbiet jew tal-kwistjonijiet bejn il-partijiet f'dan l-istadju u dan għaliex kif mandat jinħareġ biss fuq evalwazzjoni prima facie tal-Qorti, hekk ukoll rikors revoka taħt l-Artikolu 836 għandu jiġi evalwat biss fuq dik l-istess bażi tal-prima facie. Dan huwa l-każ ukoll jekk l-intimat ikun konvint li fuq il-mertu jkun ser jirnexxielu jipprova li għandu raġu jekk tali argument jiskonfina fuq il-mertu tal-kawża. Sempliċi qari tar-rikors odjern għandu mill-ewwel juri lil din il-Qorti x'inhu l-pern tal-kwistjoni – l-intimata KBC qed tallega l-frodi. Ma jista' jkun hemm l-ebda allegazzjoni aktar diffiċili u aktar kwistjoni ta' mertu fil-liġi ċivili nostrana mill-prova tal-frodi. Dik ċertament hija kwistjoni ta' mertu li mhux talli ma tistax titqies bħala kwistjoni ta' natura prima facie iżda talli hija saħansitra diffiċli li wieħed jipprova fil-mertu aħseb u ara fil-kuntest ta' evalwazzjoni prima facie.*

*Dan kien ir-raġunament ukoll – fuq mertu divers – li għamlu l-Qrati tagħna fit-trattazzjoni tal-mandat kawtelatorju fl-ismijiet Therese Mangion Galea vs Desmond Stanlet Stewart (Mandat numru 494/05) deċiż 29 ta' Lulju;*

> *"Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent ezekutant għandu bazi ta' pretenzjoni. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit mill-Qorti. Studju dwar jekk*

*is-soċjeta Sea Air Gmbh tista jew ma tistax tintavola proċeduri taħt il-liġi Ġermaniza jew le huwa stħarriġ fuq il-mertu liema stħarriġ ma jagħmilx biċċa mill-kriterji li fuqhom hija ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha fi proċedura bħal din: biex il-Qorti tista tqis jekk hijiex mistħoqqa jew le il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-Mandat jawtelatrju jinzamm fis-seħħ trid tirrizulta mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu."*

*Issa fil-qosor ħafna, il-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:*

5. *Illi jidher li KBC mhumiex qiegħdin jikkontestaw is-segwenti – illi l-entita' li applikat sabiex jinħareġ il-garanzija bankarja maħruġ fis-26 t' April 2017 bin-numru KBCE/BG/114/17 kienet T. Keystone Foods F Z LLC, soċjeta estera inkorporata taħt il-Liġijiet ta'Dubai b'indirizz reġistrat Al-Jazeera Al-Hamra, Ras Al Khalmah, U.A.E ("**T. Keystone Foods**"), filwaqt illi l-benefiċjarja taħt il-garanzija bankarja kienet is-soċjeta Del Monte Foods (U.A.E) FZE, soċjeta inkorporata fid-Dubai b'numru ta' registrazzjoni tal-kumpanniji 978 ("**Del Monte**"). Illi din il-garanzjija inħarġet mill-bank KBC fl-ammont ta' tlett miljun Dollaru Amerikan ($3,000,000.00) in segwitu għal transazzjoni prospetta fil-ġejjieni li kienet ser tikkonsisti f'xiri u konsenja ta' banana friska u frott ieħor. Din il-garanzija bankarja intbagħtet mill-intimata KBC permezz ta' SWIFT minn Bank of Valletta p.l.c. lil Mashreq Bank ġewwa Dubai fis-27 ta' April 2017. Mashreq Bank informa lil Del Monte illi din il-garanzija bankarja ġiet konċessa favuriha fit-30 ta' April 2017 (anness mar-rikors għal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru u mmarkat bħala '**Dokument A**');*

6. *Illi in vista tal-fatt illi l-konsenjatarju u ċioe' T. Keystone Foods, baqa' inadempjenti, bejn Awwissu u Settembru 2017, Del Monte talbet il-ħlas tal-ammont ta' tlett miljun Dollaru Amerikan ($3,000,000) minn KBC taħt il-garanzija bankarja in kwistjoni. Illi  KBC ripetutament irrifjutat illi tħallas lil Del Monte billi qalet illi talba għall-pagament taħt il-garanzija kienet waħda intempestiva in kwantu prematura. L-intimata KBC qalet illi t-termini tal-garanzija bankarja jipprovdu illi t-talba għall-ħlas tista' issir biss fi żmien 15-il ġurnata qabel l-iskadenza tal-garanzija bankjara illi hija indikata bħala 21 ta' April 2018;*

7. *Illi KBC anke waslet biex stqarriet ukoll illi hija kienet qed tikkonsidra l-garanzija bankarja nulla u bla effett u illi hija kienet ser tagħlaq il-kwistjoni hekk. KBC ippruvat tiġġustifika din id-deċiżjoni insostenibbli u unilaterali abbażi tal-fatt illi hija ġiet infurmata minn T.KeyStone Foods illi ma kien hemm ebda prova illi l-prodotti ġew konsenjati minn Del Monte. Fuq din il-premessa, KBC talbet illi jiġu sottomessi dokumenti addizzjonali illi ma huma bl-ebda mod mitluba kemm ai termini tal-garanzija bankarja u taħt l-ICC Uniform Rules for Demand Guarantees URDG 758 (ir- "***Regoli tal-ICC***") (kif inhu elaborate hawn isfel u kif ser jiġi elaborat waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern) li effettivament turi apprezzament u interpretazzjoni fundamentalment żbaljati tan-natura u l-karatteristiċi ta' garanzija bankarja;*

8. *Illi Del Monte bdiet korrispondenza ma' KBC bil-għan illi tifhem ir-raġunijiet u l-kuntest wara dawn ir-rikjesti infondati u bla bażi magħmula minn KBC fil-komunikazzjonijiet SWIFT illi saru lil Del Monte. Illi fil-fatt iż-żewġ partijiet skambjaw diversi ittri uffiċjali ppreżentati quddiem din l-Onorabbli Qorti bejn Ottubru 2017 sa Marzu 2018 (ara d-dokumenti hawn*

*annessi u mmarkati bħala '***Dokument DMF1'** *sa* '**Dokument DMF4***') għal-liema ittri KBC dejjem irrispoindiet tardivament, b'mod vag u bl-ebda mod oġġettiv u eżawrenti fuq id-dokumentazzjoni addizzjonali mitlub minn KBC fuq is-sejħa għall-ħlas minn Del Monte;*

9. *Illi in vista tal-iskadenza imminenti tal-garanzija bankarja, Del Monte reġgħet ppreżentat ittra uffiċjali fit-22 ta' Marzu 2018 (ara hawn annessa u mmarkata bħala '***Dokument DMF5***') fejn (i) talbet għal darba oħra lista eżawrjenti, ċara u dettaljata tar-rekwiżiti kollha, kemm jekk dokumentarja jew xorta oħra, sabiex it-talba għall-ħlas tkun aċċettabbli u (ii) talbet sabiex tiġi iffissata appuntament fl-uffiċju reġistrat ta' KBC sabiex Del Monte tmur u tippreżenta fiżikament l-istess talba għall-ħlas. Iżda KBC qatt ma ġiet notifikata b'din l-ittra uffiċjali minkejja illi saru minn tal-inqas erba' (4) tentattivi mill-marixxall tal-Qorti sabiex jinnotifika l-istess bl-idejn f'ħinijiet differenti tal-ġurnata u fuq diversi uffiċjali ta' KBC allegatament preżenti Malta – ħaġa deplorabbli bħala entita' finanzjarja liċenzjata ġewwa Malta;*

10. *Illi in vista tal-fatt li Del Monte qatt ma rċiviet ebda risposta minn KBC, fil-11 t' April 2018, u ċioe waqt il-perjodu tal-ħmistax il-ġurnata qabel l-iskadenza tal-garanzija bankarja, Del Monte setgħet, u fil-fatt ressqet, talba oħra għall-ħlas u dan skont it-termini tal-garanzija bankarja fil-11 ta' April 2018 (ara hawn anness u mmarkat '***Dokument DMF6'***) u din id-darba ċertament fil-perjodu preskrittiv (peress li f'Awissu 2017, l-ewwel darba li Del Monte ressqet sejħa għall-ħlas, KBC irrifjutaw it-talba tenut kont it-talba kienet intempestiva u kellha ssir biss fuq jew waqt il-perjodu ta' 15 il-ġurnata qabel l-iskadenza tal-garanzija bankarja);*

11. *Illi din it-talba għall-ħlas ġiet miċħuda minn KBC fis-16 ta' April 2018 (ara hawn anness u mmarkat '***Dokument DMF7'***) liema risposta ma kinitx appożittivament ma tinftiehemx* —*KBC saħansitra addiritura waslet sabiex tgħid illi t-termini tal-garanzija bankarja jistipulaw illi r-rikorrenti Del Monte għandha titlob il-ħlas minn min applika għaliha, u ċioe minn T.KeyStone Foods direttament (!) - stqarrija bażwija stante hija preċiżament iċ-ċirkostanza eżatta li kreditur jevita meta jitlob li l-kreditu tiegħu jiġi garantit bl-erogazzjoni ta' garanzija bankarja;*

12. *Illi Del Monte għall-darb' oħra reġgħet għamlet talba oħra għall-ħlas fid-19 ta' April 2018 (ara hawn anness u mmarkat bħal '***Dokument DMF8***') liema talba reġgħet ġiet miċħuda minn KBC fit-23 ta' April 2018, fejn KBC reġgħu avżaw lil Del Monte li misshom jagħmlu "claim the payment directly from the applicant" (ara hawn anness u mmarkat bħala '***Dokument DMF9***');*

***B. Nuqqas ta' Osservanza tat-Termini u Kundizzjonijiet tal-Garanzija Bankarja mis-soċjeta Del Monte Foods***

13. *Illi minkejja l-fatt illi r-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru huwa mressaq minn KBC, u ċioe l-bank emmittenti, il-kontenut kemm tar-rikors kif ukoll tal-affidavit ta' Mangilal Kalani, huwa magħmulin bħalikieku kienet is-soċjeta T. Keystone Foods, u ċioe d-debitur inadempjanti u propju l-entita' li applikat għal-ħruġ tal-garanazija bankarja, li ressqet ir-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru u mhux KBC. Tali rikors jidħol fid-dettal (liema dettal fuq il-mertu mhuwiex neċessarju fil-proċedimenti taħt l-Artikolu 836 tal. Kap. 12), fuq l-allegat dgħufija fir-relazzjoni kuntrattwali bejn T. Keystone Foods u Del Monte. Mhux biss. Minħabba l-analiżi skorrett u ċertament mhux f'loku, KBC unilateralment u ċertament erronjament*

*ikkonkludiet li l-konsenja tal-banana qatt ma ġiet ikkonsenjata lil T. Keystone Foods (minkejja li Del Monte forniet 'delivery vouchers' u fatturi kontra ffirmati minn T. Keystone Foods mal-komunikazzjoni SWIFT mibgħuta minn Mashreq Bank lil KBC fid-19 ta' April 2018 inkluż kopja tad-dokumenti mibgħuta - hawn annessi u mmarkati bħala* ***'DMF6'****), konkluzzjoni li ċertament mhiex fl-ambitu ta' KBC li tagħmel.*

14.*Illi minn qari attent tal-garanzija bankarja joħroġ biċ-ċar illi l-unika rekwiżiti preskrittivi sabiex issir it-talba għall-ħlas kienu s-segwenti:*

> *"1) YOUR* ***CLAIM DECLARATION SHOULD BE AS FOLLOWS****:*
>
> *A) WE HAVE SUPPLIED GOODS TO T.KEYSTONE FOODS FZ-LLC.*
>
> *B) WE HAVE REQUESTED T.KEYSTONE FOODS FZ-LLC TO EFFECT PAYMENT FOR THE GOODS AND PAYMENT HAS NOT BEEN RECEIVED BY US.*
>
> *C) T.KEYSTONE FOODS FZ-LLC HAS FAILED TO EFFECT PAYMENT FOR GOODS AND PAYMENT HAS NOT BEEN RECEIVED BY US.*
>
> *2)* ***YOUR RELEVANT DOCUMENTS SHOULD BE INVOICES ISSUED UNDER THE NAME OF T.KEYSTONE FOODS FZ-LLC"***
>
> *(enfasi miżjuda)*

*Illi dawn huma l-uniċi rekwiżiti sabiex issir it-talba għall-ħlas taħt l-garanzija bankarja sic et simpliciter: talba mir-rikorrenti Del Monte bid-dikjarazzjonijiet mitluba f' A), B) u C)* flimkien *mal-fatturi maħruġa minn Del Monte lil T.KeyStone Foods u, mingħajr preġudizzju għal dan il-fatt, kull ħaġa oħra ancillari u kull rekwiżit ieħor għandu jiġi interpretat esklussivament skont l-ICC Rules u fil-kuntest tan-natura intrinsika tal-garanzija bankarja innifisha. Dawn huma propja d-dokumenti li Del Monte forna lil KBC, u - ċertament u bażi prima facie – dan id-dritt huwa dak li l-Qorti gtipproteġi billi jżomm il-mandat fis-seħħ pendenti proċeduri fuq il-mertu;*

15.*Illi huwa prinċipju ben assodat taħt ir-Regoli tal-ICC fil-kamp tal-garanziji bankarji, illi l-interpretazzjoni tat-test tenut fil-garanziji bankarji għandu jiġi interpretat b'mod strett ħafna mingħajr ebda inferenzi jew referenza għal ebda strument jew kuntratt ieħor jew transazzjoni sottostanti (ara estratt tar-Regoli tal-ICC klawzola 3 u 5 - hawn anness u mmarkat bhala '***DMF11***'). Illi għalhekk, kull talba dokumenti addizzjonali minn KBC lil Del Monte, jew analizi/interpretazzjoni minn KBC tat-termini tal-kuntratt u/jew id-dokumentazzjoni supplementari bejn T. Keystone Foods u Del Monte, mar ferm oltre l'ambitu ta' KBC bħala bank li kellu biss l-rwol li jaġixxi fuq talba ta' ħlas mill-benefiċjarju Del Monte, speċjalment meta KBC irċieva ukoll id-dokumentazzjoni neċessarja ai termini tal-garanzija bankarja.*

*Dan ġie rikonoxxut mil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 t' Ottubru 2011, u kkonfermat fl-Appell fil-każ in* ***Azrow International Trading Company Limtied vs FIMBank p.l.c*** *fejn il-Qorti irriteniet "Hu paċifiku fil-gurisprudenza u l-awturi illi l-letter of credit hi strument ta' ħlas ta' kreditu* ***indipendenti u awtonomu*** *mill-underlying contract bejn il-partijiet u darba li l-kreditur jottempera ruħu mal-kondizzjonijiet tal-letter of credit, il-bank li*

*jkun ħareġ il-letter of credit (issuing bank) hu marbut li jħallas, b'eċċezzjonijiet limitati u eċċezzjonali, u dan anki jekk ikun hemm divergenzi bejn il-partijiet fuq ittermini tal-kuntratt".*

16. *Illi fost diversi raġunijiet infondati, KBC ġġustifika wkoll il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward ta' Del Monte billi allega n-nuqqas ta' kunsinna tal-konsenja lil T. Keystone Foods. Fl-ewwel lok, dan huwa sempliċament kontradett mill-provi dokumentarji bħal fatturi u 'delivery vouchers', iktar u iktar fuq bażi prima facie, u fit-tieni lok, garanzija bankarja hija fin-natura tagħha awtonoma mill-obbligi kuntrattwali sottostanti bejn Del Monte u T. Keystone Foods u għalhekk l-insistenza ta' KBC biex tivverifika l-inadempjenza ta' T. Keystone Foods huwa fallaċi. Essenzjalment garanzija bankarja hija mezz sabiex jiġi żgurat li l-obbligu tad-debitur fil-każ ta' inadempjenza tiegħu. Illi għalhekk, meta KBC irrispondew għat-talba ta' ħlas minn Del Monte billi avżathom illi Del Monte għandha titlob il-ħlas minn min applika għaliha, T.KeyStone Foods direttament, KBC effettivament gab il-garanzija bankarja fix-xejn u bla skop.*

17. *Illi di piu, KBC tiġġustifika l-pożizzjoni tagħha li ma tonnorax il-pagament taħt il-garanzija bankarja, billi tgħid illi li kieku ħalset is-somma taħt il-garanzija bankarja, hija tkun "ser tippreġudija serjament il-pożizzjoni tagħha billi tiġi esposta għall-azzjoni ta' danni" minn T. Keystone Foods. Illi bir-rispett kollu, għall-darb'oħra huwa lampanti kif KBC, minkejja huwa bank liċenzjat, naqas milli jifhem il-bażi nnifisha ta 'garanzija bankarja - dik ta' awtonomija għall-kuntratt sottostanti u l-partijiet kontraenti tiegħu. Għal din ir-raġuni, fost oħrajn, Del Monte ċertament għandu dritt jipproċedu kontra KBC, liema dritt għandha tiġi salvagwardjata permezz tal-mandat ta 'sekwestru odjern pendenti l-proċeduri fuq il-mertu.*

*18.Illi fl-aħħar mill-aħħar, minflokk jivvintaw modi kreattivi sabiex jevadu l-ħlas taħt il-garanzija bankarja, KBC misshom laqgħu it-talba għall-ħals minn Del Monte malli irċievew il-korrispondenza SWIFT flimkien mad-dokumenti supplimentari ai termini tal-garanzija bankarja. Xejn iktar u xejn anqas.*

***C. Inkonsistenza Sfaċċata fid-Dokumenti Prodotti mis-Soċjeta Del Monde Foods u Dokumenti Falsifikati***

*19.Illi l-pern tar-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru huwa li allegatament il-konsenja tal-banana qatt ma ġiet ikkonsenjata lil T. Keystone Foods. Din l-allegazzjoni jew addirittura skuża qatt ma tqajmet bħala raġuni kull darba KBC ċaħdu d-diveri talbiet għall-ħlass min Del Monte. Illi ukoll, din qatt ma ssemmiet bħala raġuni fl-iskambju tad-diversi ittri ġudizzjarji bejn il-partijiet. Illi punt ieħor pertinenti huwa li l-uniku mod illi KBC qiegħdin isostnu din l-allegazzjoni infondanta tagħhom, huwa billi jannettu affidavit tas-sur Mangilal Kalani, liema affidavit huwa fil-bicca kbira tieghu, kollu ibbazat fuq dak li allegatament ntqal lilu minn xi had ieħor, jew bit-taljan 'detto del detto'.*

*20. Illi mhuwiex ikkontestat illi l-ewwel talba għall-pagament taħt il-garanzija bankarja saret fl-21 t'Awissu 2017. Din it-talba għall-pagament ġiet miċħuda minn KBC peress li skonthom, it-talba kienet intempestiva u kellha ssir biss fi ħmistax il-ġurnata qabel l-iskadenza tal-garanzija bankarja. Iżda din l-interpretazzjoni tat-test tal-garanzija bankarja hija żbaljata. Illi minn qari attent tal-garanzija bankarja:*

*"ANY DEMAND UNDER THIS BANK GUARANTEE TO BE PRESENTED ON OR BEFORE EXPIRTY DATE WITH OUR PRIOR WRITTEN CONSENT ONLY BUT NOT EARLIER THAN 15 DAYS BEFORE EXPIRY..."*

*jsegwi li l-beneficjarja tal-garanzija bankarja Del Monte setgħet tagħmel talba għall-pagament taħt l-istess garanzija* ***f'kull moment*** *tul il-perjodu sħiħ tal-garanzija bankarja, iżda f'kaz li t-talba issir qabel il-perjodu ta' 15 il-gurnata qabel l-iskadenza tal-garanzija bankarja, din setgħet issir biss bil-kunsens ta' KBC. Illi għalhekk, ma kienx hemm xejn irregolarita' fit-talba għall-pagament ta' Del Monte tal-21 t'Awissu, 2017. Din ġiet miċħuda stante l-fatt li KBC ma tatx il-kunsens sabiex issir il-pagament. B'hekk, u mingħajr preġudizju għal-pozizzjoni ta' Del Monte fir-rigward l-interpretazzjoni tat-termini tal-garanzija bankarja fuq meta talba tista ssir, Del Monte iddifferew is-sejħa għall-pagament taħt il-garanzija bankarja għall-perjodu preskrittiv sa 15 il-ġurnata qabel l-iskadenza tal-garanzija bankarja.*

*Illi għalhekk, kull pretenzjoni fir-rikors odjern fir-rigward it-talba għall-hlas minn Del Monte f'Awissu u Settembru 2017, ora mai issa gew sorpassati bit-talbiet diversi sussegwenti fil-15 il-ġurnata qabel l-iskadenza tal-garanzija bankarja, u b'hekk kollu ma ntqal fir-rikors fuq dan huwa irrelevanti.*

21. *Illi in oltre, bl-ammissjoni ta' KBC stess (paragrafu 3 tar-rikors), il-garanzija bankarja inħarġet bl-ordni ta' T. Keystone Foods* ***"in segwitu għal transazzjoni prospettata li kienet ser tikkonsisti f'xiri u konsenja ta' banana friska u frott ieħor".*** *Illi għalhekk, il-konsenja tal-frott minn Del*

*Monte kienet tontinġenti fuq il-ħruġ tal-garanzija bankajra sabiex Del Monte tidħol fit-transazzjoni ma T. Keystone Foods. Illi ġialadarba Del Monte saret il-benefiċjarju tal-garanzija bankarja, hi bdiet tforni l-konsenja tal-banana skont l-iskeda tal-provvista. B'hekk ir-raġuni dgħajfa mogħtija minn KBC meta irrifjutaw it-talba għall-pagament fis-16 ta'April 2018, speċifikament li "the instrument [bank guarantee] was issued on April 26, 2017, whereas the contract submitted by Del Monte FZE is dated July 1, 2017" ma jikkostitwixxix ksur tat-termini tal-garanzija bankarja kif allegat minn KBC, u ċertament mhux raġuni biex tiġi miċħuda l-garanzija bankarja.*

22. *Illi wkoll, f'din iz-sezzjoni tar-rikors, ir-rikorrent KBC, għalkemm b'mod dgħajjef, jallega għall-ewwel darba li Del Monte kkunsinnat il-prodotti lil T.Keystone Fruits, entità separata u distinta għal T. Keystone Foods. Dan huwa ikkontestat bil-qawwa u kontradett bil-provi, ċertament fuq bażi prima facie.*

*Mhux biss. Ċertament f'dan l-istadju, din hija kwistjoni fuq il-mertu u għandha tiġi riżervatha għall-proċeduri ulterjuri fuq il-mertu u mhux fil-proċeduri odjerni għall-finijiet tal-mandat ta' sekwestru. Kif qalet il-Qorti fil-kawza 'fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1246/01 fl-ismijiet* ***l-Avukat Tonio Fenech nomine et vs L-Avukat Patrick Spiteri propio et nomine et****:*

> *'Hawnhekk si tratta ta' att kawtelatroju li jinħareġ sempliċement għaliex l-intimat ikkonferma bil-ġurament li huwa jippretendi li għandu xi drittijiet fil-konfront ta' diversi persuni inkluzi r-rikorrenti. Huwa ovvju li l-intimat, la darba ottjena l-ħruġ tal-att kawtelatorju in kwesxtjoni għandu jassumi l-r-responsabiltajiet kollha u – konsegwenzi kollha skond il-liġi anke fil-konfront tal-rikorrenti odjerni.*
>
> *In vista tal-premess u fid-dawl tas-sottomissjonijiet kemm fid-dritt kif*

*ukoll fil-fatt tar-rikorrenti il-kwestjoni dwar il-leġittimu kontradittur ma tistax tiġi esaminata fid-dettal u b'mod estensiv, peress li din il-kwestjoni essenzjalment tappartjeni għal meritu tal-kwestjoni bejn il-partijiet. L-esami li ghandu isir f'dan ir-rigward hu jekk hemmx għall-inqas prova li mad-daqqa t'ghajn teskludi li hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet;*

23.*Illi minkejja rikors pjutost twil fil-kontenut, ir-rikorrent jonoqos milli juri kif is-sottomissjonijiet tiegħu fir-rikors jaqgħu fil-parametri speċifiċi u eżawrjenti għat-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru ai termini tal-Artikolu 836(1)(b), (d) u (f). Illi r-rikorrent jonqos għalhekk milli jispeċifika liema mill- mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju mhiex eżistenti ai termini tas-sub-artikolu (b); jew kif l-ammont mitlub mhuwiex prima facie ġustifikat jew huwa eċċessiv ai termini tas-sub-artikolu (d); lanqas ma wera għalfejn fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. Illi l-Qorti fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat għall-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru. 1902/14 maħruġ fis-28 ta' Novembru, 2014 fl-ismijiet:* **GO p.l.c. (C22334) vs. Natalino Zammit I.D. 104262(M),** *ċahdet it-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru stante li, fost affarijiet oħra, "tqis illi għalkemm jinvoka l-Artikolu 836(1)(b),(d) u (f) tal-Kap. 12 biex isejjes it-talba tiegħu għal ħruġ ta' kontro-mandat, fir-Rikors ir-rikorrent jonqos milli jġib raġunijiet speċifiċi taħt kull wieħed minn dawn is-subartikoli in sostenn għat-talba tiegħu għar-revoka tal-Mandat".*

24.*Illi finalment u ċertament pertinenti ukoll, ir-rikorrent jirrikonoxxa b'mob espliċitu r-reputazzjoni tajba u d-daqs ta' Del Monte f'paragrafu 15 tar-rikors (ara estratt tal-'Quarterly Financial Statement' hawn anness u mmarkat bhala '***DMF10***'). Huwa kontro-intuwittiv għall-KBC li minn banda*

*jirrikonoxxi s-saħħa ta' Del Monte bħala kummerċjant, iżda xorta waħda jitlob il-Qorti sabiex tornda lil Del Monte garanzija bħala sigurta' fil-każ li jitneħħa l-att kawtelatorju u jiġi impost xi penali jew Danni. Illi b'hekk ir-rikorrent bank KBC naqas milli juri lil din l-Onorabbli Qorti kawża ġusta kif tirrikjedi l-liġi biex b'hekk din it-talba taħt Artikolu 836A għandha tiġi miċħuda.*

*Għaldaqstant, għal dawn ir-ragunijet u r-ragunijiet l-oħrajn li ser jitressqu fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad ir-rikors tas-soċjeta' sekwestrata bl-ispejjez ta' dawn il-proċeduri kontra l-istess soċjeta sekwestrata."*

Rat id-dokumenti esibiti in atti.
Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.
Rat illi l-proċeduri gew differiti għad-digriet kamerali.

Rat l-atti l-ohra kollha.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rikors in ezami s-socjeta' KBC Euro Credit Ltd qegħda tressaq l-oppozizzoni tagħha għall-ħrug tal-Mandat ta' Sekwestru numru 817/18 maħrug kontriha mis-soċjeta' Del Monte Foods (UAE) FZE u qegħda titlob ir-revoka tiegħu a tenur tal-art 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma tagħha dan għandu jseħħ ghaliex allegatament –

- Is-soċjeta' sekwestranti Del Monte Foods wettqet nuqqas serju ta' osservanza tat-termini u kundizzjonijiet tal-garanzija bankarja maħruga minnha a favur l-istess soċjeta' sekwestranti; u

- Kien hemm inkonsistenza fid-dokumenti prodotti mis-soċjeta’ Del Monte Foods u dokumenti falsifikati.

Minn naħa tagħha s-soċjeta’ sekwestranti topponi t-talba tas-soċjeta’ KBC Euro Credit Ltd.

L-oggett li wassal għall-ħrug tal-Mandat in kwistjoni kienet is-somma allegatament dovuta mis-soċjeta’ sekwestrata a favur is-soċjeta’ sekwestranti bis-saħħa ta’ garanzija bankarja datata 26 t’April 2017[2]. Is-somma hija USD3,000,000.

Jirrizulta wkoll li fil-25 ta’ Mejju 2018 is-soċjeta’ Del Monte Foods intavolat ukoll proċeduri Rik Nru 522/18 kontra KBC Euro Credit Ltd li għandhom jiġu appuntati għas-smiegħ quddiem din il-Qorti stess.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjeta’ rikorrenti tibbaza t-talba tagħha fuq l-**artikolu 836 (1) (b), (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jgħidu hekk -

*“(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista’ jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista’ jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li*

[2] Fol 20 et seq

*l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*[….]*

*(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*

*[….]*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*[…..]*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Inghad hekk dwar dan l-artikolu fil-provvediment **Georgina Grima et vs Knightsbridge Development Limited tal-15 ta' Mejju 2018**[3] **-**

*Illi kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bhal dawn, l-istħarrig li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed prima faċie u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001 (**"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd."**).*

[3] Rik 635/17

*Illi għalhekk isegwi li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi gudizzju fil-mertu. L-istħarrig meħtieg fi proċedura bħal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali ta' l-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi għall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħarigx b'mod abbuziv. (Ara Kumm. (GMA) 23 ta' Gunju 1994: "**Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et**").*

*Illi dan ifisser illi l-Qorti għandha tistħarreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għal azzjoni gudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jiġi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007)."*

Specifikatament **fir-rigward tas-subparagrafu (b)** tal-artikolu msemmi inghad hekk fil-provvediment **John Cortis vs Mark Anthony Portelli tat-30 t'Ottubru 2017**[4] **-**

*Il-paragrafu (1)(b) Skont din id-disposizzjoni, ikun hemm lok għat-tħassir ta` l-Mandat meta waħda mill-ħtigijiet tal-ligi għall-ħrug tal-Mandat ma tkunx għadha fil-fatt tezisti.*

4 Rik 838/17

*Fil-provvediment li ngħata minn din il-qorti diversament presjeduta fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kaz Carmelo Abdilla vs Auto Sales Limited (Rikors Nru. 115/2011) inghad hekk :-*

*"Illi l-Artikolu 836(1)(b) jistipula li mandat kawtelatorju għandu jitħassar jekk "waħda mill-ħtigiet tal-ligi għall-ħrug ta` l-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt tezisti" . Peress li ma jirrizulta li nbidel xejn minn dakinhar tal-prezentata tal-mandat sa llum, u fil-frattemp ġiet ipprezentata wkoll il-kawza fuq il-mertu, ma jirrizultax li din hija raguni valida sabiex jitħassar il-mandat in dizamina."*

*Fil-provvediment li tat din il-qorti diversament presjeduta fl-20 ta` Mejju 2014 fil-kaz Av Antonio Depasquale noe vs World Match Limited (Rikors Nru. 315/2014) ingħad hekk :-*

*"Ir-raguni skont l-Art.836 (1) (b) hi: "li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti".*

*Ikkonsidrat li din id-dispożizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma` tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att. Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f`dawn l-atti, jidher li taħt din il-kawżali l-ilment tal-ezekutat mhuwa indirizzat lejn ebda wieħed minn dawn ir-ragunijiet.*

*"Fi kliem iehor, din il-Qorti tifhem li l-kawzali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inħareg sewwa u, f`xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-ligi trid biex dak il-Mandat jibqa` fis-sehh" .*

Imbaghad **<u>fir-rigward tas-subparagrafi (d) u (f) tal-artikolu</u>** in ezami l-Qorti kompliet tgħid hekk fil-kaz citat **Georgina Grima et vs Knightsbridge Development Limited** –

*Illi fir-rigward tal-artiklu 836 (1) (d) tal-Kap 12 fuq riprodott issir referenza għall-atti tar-rikors fl-ismijiet* ***Peak Ogilvy & Mather Limited vs the Jazz Cave (JC) Limited*** *fejn gie sostnut is-segwenti:*

*"Illi l-ezami li trid tagħmel il-qorti ai termini ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi hu wkoll wieħed prima facie. Ezami prima facie huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond u hu bbazat fuq dak li jirrizulta mad-daqqa ta' għajn";*

*[….]*

*Illi fir-rigward tal-artiklu 836 (1) (f) tal-Kap 12 fuq riprodott issir referenza ghall-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili*** *fl-ismijiet* ***L- Avukat Adrian Delia nomine vs. European Insurance Group Limited****, datat l-**4 ta' Frar, 2013**, li fir-rigward stabbiliet li:*

*"Fi kliem iehor taht dan is-subinciz, (artiklu 836 (1) (f) talKap 12), Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju hu soggett ghar-revoka fejn:*

*"i. Cirkostanzi ma jkunux ragonevoli;*

*"ii. L-Mandat ma jkunx aktar necessarju; jew*
*"iii. M'huwiex aktar gustifikabbli";*

*Illi fil-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Rita Agius vs. Nutar Joseph Vassallo Agius** datat id-**19 ta' Settembru, 2013**, ġie spjegat fir-rigward is-segwenti:*

*"Allura, fil-fehma ta' din il-qorti, il-kwistjoni ta' jekk hu ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-seħħ jew jekk hux meħtieg jew gustifikabbli li tali mandat jinzamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali caħda tal-kawzali fil-mertu tal-intimati ezekutanti;*

*"Illi jingħad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taħt ezami timplika li, **wara l-hrug tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar meħtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifka l-ħrug u z-zamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-kaz";*

Ferm il-premess il-Qorti ma ssibx li legalment is-soċjeta' sekwestrata rikorrenti ssodisfat il-vot tal-ligi biex tigi milqugħha t-talba tagħha għar-revoka tal-Mandat in ezami għaliex kif ġie fermement affermat fil-gurisprudenza kwotata, l-indagni tagħha trid tkun biss u unikament fuq bazi *prima faċie*. Huwa palezi fil-fehma tal-Qorti li r-ragunijiet migjuba mis-soċjeta' sekwestrata għar-revoka tal-mandat huma materja li tirrigwarda fit-total il-mertu tal-kontenzjoni bejniethom u għalhekk fuq bazi *prima facie* zgur li l-Qorti ma hijiex f'qagħda li tidħol f'dawn il-lanjanzi f'dawn il-proċeduri għar-revoka tal-Mandat.

Fil-fatt, filwaqt li s-socjeta' sekwestrata fl-ewwel lok qegħda tavvanza l-allegazzjoni ta' ksur tat-termini u kundizzjonijiet tal-garanzija bankarja għar-ragunijiet imsemmija fir-rikors, is-soċjeta' sekwestranti tiċħad li dan huwa l-kaz. Isegwi li sabiex tigi riżolta din il-kwistjoni hija meħtiega evalwazzjoni u nterpretazzjoni tat-termini tal-garanzija bankarja msemmija, aspett li ċertament tispetta l-ezami tal-kaz fil-mertu.

Fit-tieni lok, is-soċjeta' sekwestrata tilmenta li meta ressqet it-talba għall-ħlas tal-garanzija kienet inkonsistenti fid-dokumenti li pprezentat tant li anke allegat li kien hemm fabrikazzjoni ta' uhud minnhom. Għal darb'ohra jigi sottolineat li allegazzjoni ta' frodi ma tista' qatt tigi nvestigata fi proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju għax dawn mhumhiex materji li jistgħu jiġu deċizi fuq bazi *prima faċie* izda jirrikjedu approfondiment fil-mertu.

Inoltre, l-Qorti ssib li fir-rikors in kwistjoni s-socjeta' sekwestrata ma rnexxiliex turi kif il-pretensjonijiet tagħha għar-revoka jiffiguraw fil-paragrafi speċifiċi tal-artikolu 836 tal-Kap 12. Infatti mkien ma qalet b'mod sodisfaċenti għal fini tal-ligi liema hi dik il-ħtiega fil-ligi li m'għadhiex tezisti għall-ħrug tal-mandat kawtelatorju kontestat (a tenur tal-paragrafu b); u lanqas li l-ammont mitlub ma huwhiex mad-daqqa t'għajn gustifikat jew eċċessiv (a tenur tal-paragrafu d) u lanqas li ċ-ċirkustanzi ma għadhomx jiddettaw iż-żamma fis-seħħ tal-istess mandat.

Jigi sottolineat li huwa naturali li mandat jikkrea problemi u nkonvenjenti lis-sekwestrat izda din mhix raguni sufficjenti biex jitwaqqa', speċjalment in vista tal-fatt li almenu fuq bazi prima faċie Del Monte Foods FZE għandha bazi ta' pretensjoni għall-ammont shih ikkawtelat in vista tal-garanzija bankarja tas-26 t'April 2017.

**Għalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti għar-revoka tal-mandat sejra tigi miċħuda.**

Fit-tieni talba tagħha s-soċjeta' rikorrenti titlob lill-Qorti timponi fuq is-soċjeta' Del Monte Foods garanzija xierqa li tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imgħax. Dan a tenur tal-artikolu **838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jgħid hekk –

*"838A. Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."*

F'dan ir-rigward ingħad-"**Jamar Malta Limited vs. Office Group Limited**[5]: *"Meta l-liġi tipprovdi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa ta' min ikun kiseb il-ħruġ favurih ta' Mandat kawtelatorju, min jagħmel it-talba għal garanzija bħal dik (il-persuna eżekutata li kontriha jkun inħareġ il-Mandat li jkun) irid juri tajjeb biżżejjed lill-Qorti li jkun hemm "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu.*[6] *Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili;*[7]

[5] P.A. (JRM), 10.08.2012
[6] P.A. (GC), 04.10.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Paul Caruana *vs.* Rudolphe Gaerty**.
[7] P.A. (TM), 18.09.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **John Zarb *vs.* Port Cottonera Ltd.**

*Illi hawnhekk irid jingħad li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu partikolari tal-liġi huwa wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat.*

*Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ.*[8] *Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn."*

Il-Qorti ma tarax li f'dan l-istadju huwa l-kaz ghal applikazzjoni ta' dan l-artikolu dana għax ma ssibx li ntweriet kawza gusta biex dan isir oltre l-fatt li l-i*statements* finanzjarji tas-socjeta' Del Monte[9] ma jurux li hemm lok ta' tħassib serju dwar il-likwidita' tagħha f'kaz li eventwalment tqum kwistjoni ta' ħlas ta' danni, penali jew imgħax.

**Ghalhekk lanqas din it-talba ma timmerita li tintlaqa'.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad ir-rikors ta' KBC Euro Credit Ltd tat-8 ta' Gunju 2018 bl-ispejjez kontra tagħha.**

---

[8] P.A. (RCP), 30.5.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Joseph Demicoli *vs.* Coleiro General Supplies Ltd**
[9] Fol 181 et seq

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**